— tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' dan l-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellanti jinvoka motiv wieħed ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, ksur tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, żnaturament tal-fatti tal-kawża u ineżattezza materjali tal-konstazzjonijiet mill-atti tal-proċess mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2015 – Swatch vs UASI – L'atelier Wysiwyg (wysiwatch WhatYouSeeIsTheWatchYouGet)**

**(Kawża T-83/15)**

(2015/C 127/46)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Swatch AG (Biel, l-Isvizzera) (rappreżentant: P. González-Bueno Catalán de Ocón, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* L'atelier Wysiwyg (Besançon, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark figugrattiva Komunitarja li tinkludi l-elementi verbali "wysiwatch" u "WhatYouSeeIsTheWatchYouGet" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 041 597

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tar-4 ta' Diċembru 2014 fil-Każ R 1873/2014-2

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI u lill-L'atelier Wysiwyg għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2015 – AEDEC vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-91/15)**

(2015/C 127/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Asociación Española para el Desarrollo de la Epidemiología Clínica (AEDEC) (Madrid, Spanja) (rappreżentant: R. López López, avukat)